**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 367 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Vella**

Illum 27 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Christopher Vella, iben Paul u Mary nee' Micallef, imwieled il-Pieta', nhar l-20 ta' Lulju, 1982, residenti gewwa 181, Osprey, Triq il-Kbira, l-Imgarr, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 386982 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fis-17 ta' Jannar, 2021, ghall-habta ta' 14:30*hrs* u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa l-Imgarr u fil-Gzejjer Maltin, waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom (Reg. 4 (1) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42);
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur,

jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata (Reg. 18 (1) (a) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42);

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f' xi fond jew fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja ghal dik l-arma taht l-Att dwar l-Armi u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 480, Art 5 (3).

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna s-sospensjoni tal-licenzja taht il-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar is-7 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4 (1) (a) u 18 (1) (c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, illiberat lill-qua imputat, Christopher Vella mit-tielet u r-raba' imputazzjoni filwaqt li sabithu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament kkundanatu ghall-piena ta' multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500).

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christopher Vella minnha pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza appellata b' dan li filwaqt li:

a) Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-esponenti gie dikjarat mhux hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

b) Tirrevokaha f' dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah minn kull htija u piena; u

c) Subordinatament, u minghajr pregudizzju dwar l-aggravji dwar il-mertu, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija f' wahda jew iz-zewgt imputazzjonijiet li taghhom gie misjub hati mill-Ewwel Onorabbbli Qorti, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

Illi preliminarjament, u a skans ta' kull ekwivoku, jigi iccarat minn issa illi dan l-appell huwa limitat ghas-sejbien ta' htija tal-esponenti fil-konfront tal-ewwel zewgt

imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u mhux qed jinteponi l-ebda appell fil-konfront tat-tielet u r-raba' imputazzjonijet li minnhom l-esponenti gie liberat.

Maghmulha tali kjarifika, l-esponenti umilment jissottometti fl-ewwel lok, illi huwa ma setax jinstab hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu stante li filwaqt li l-istess zewgt imputazzjonijiet jitrattaw allegata attività ta' kacca "waqt stagun maghluq", fid-data indikata fic-citazzjoni l-istagun tal-kacca kien miftuh, u kwindi l-imputazzjonijiet kif dedotti ma jistghux jirrizultaw.

Fit-tieni lok, u strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke jekk wiehed jikkonkludi li fis-17 ta' Jannar 2021 ghall-habta tal-14.30hrs u fil-granet u l-hinijiet ta' qabel, l-istagun tal-kacca kien maghluq, madankollu l-prosekuzzjoni ma ressqetx provi sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-esponenti, f' dawk il-hinijiet kien qieghed effettivament ghal kacca.

Fit-tielek u l-ahhar lok, l-esponenti umilment jissottometti illi strettament mingharj pregudizzju dwar il-mertu, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena kellha tkun wahda iktar miti u tqarreb iktar lejn il-minimu.

1) **Ma tistax tinstab htija ta' allegata attività ta' kacca waqt stagun maghluq**

Illi jibda biex jinghad illi mhux kontestat illi l-incident mertu tal-kaz in kwistjoni sehh fis-17 ta' Jannar 2021.

Huwa minnu li l-prosekuzzjoni irredigiet ic-citazzjoni biex taqra ghall-habta ta' 14.30hrs u fil-granet u hinijiet ta' qabel, però, apparti l-hin tas-14.30hrs li fih il-pulizija kienu fuq is-sit, ma hemm assolutament l-ebda prova kwalsiasi in atti dwar "il-granet u l-hinijiet ta' qabel" stante li l-pulizja ma kienux fuq il-post u kwindi hemm assenza u vacuum totali ta' provi dwar dak il-perjodu fic-citazzjoni u ma tista' qatt tinstab l-ebda htija.

Illi maghmulha din il-parentezi ma hux kontestat lanqas illi fis-17 ta' Jannar 2021 l-istagun ghall-kacca kien miftuh, u dan stante li l-istagun tal-kacca kien miftuh bejn l-1 ta' Settembru 2020 u l-31 ta' Jannar 2021.

Nonostante ciò, l-prosekuzzjoni ghogobha takkuza lill-esponenti li huwa kien qed jikkacja **"waqt stagun maghluq",** u dan skond il-prosekuzzjoni stante li l-akkuza titratta l-hin tas-14.30hrs, u nhar ta' Hadd l-kacca hija permessibli biss sal-13.00hrs.

L-esponenti però jirrileva bir-rispett illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, jirrizulta li l-esponenti kien qieghed effettivament jikkacja fis-14.30hrs, huwa xorta wahda ghandu jigi liberat miz-zewgt imputazzjonijiet li gie misjub hati taghhom stante li dawn jitrattaw l-allegazzjoni ta' kacca "waqt stagun maghluq" – liema element huwa ghal kollox nieqes fil-kaz de quo stante li fis-17 ta' Jannar 2021 l-istagun kien miftuh.

Illi fil-L.S. 549.42, f' regolament 2 wiehed isib d-definizzjoni ta' "*stagun maghluq*" u "*stagun miftuh*", fejn jintqal testwalment li:

> "*stagun maghluq*" *tfisser, dwar il-kacca u t-tehid tal-ghasafar,dawk il-perijodi li jaqghu barra mill-istagun miftuh, u li fihomm' humiex permessi l-kacca u t-tehid tal-ghasafar; u*
>
> "*stagun miftuh*" *tfisser, dwar il-kacca u t-tehid tal-ghasafar, dawk il-perijodi kif stabbiliti mill-Ministru skont ir-regolament 10(6), li fihom huma permessi l-kacca u t-tehid tal-ghasafar;*

Konsegwentament, tenut kont tal-fatt li stagun maghluq jitkellem dwar dawk il-perjodi li "***jaqghu barra*** mill-istagun miftuh" u stagun miftuh "***jinkludi l-perjodu hekk kif stabbilit mill-Ministru" –*** liema perjodu fil-kaz tal-kacca huwa stabbilit bhala bejn l-1 ta' Settembru 2020 u l-31 ta' Jannar 2021 – kien x' hin kien, qatt ma kellu jigi meqjus

bhala stagun maghluq, stante li tali data hija kompriza u inkluza fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u l-31 ta' Jannar 2021.

Kosegwentament, fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel zewgt imputazzjonijiet jitrattaw kacca waqt stagun maghluq, l-esponenti umilment jissottometti illi stante li d-data tal-incident hija inkluza fil-perjodu li kien miftuh ghall-kacca, ma jissussistux l-elementi kollha tar-reat, u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat minnhom.

Finalment l-esponenti jirrileva illi hemm distinzjoni bejn il-fatt li wiehed jikkacja fi stagun maghluq, f' data barra mid-data stabbilita mill-Ministru, u li wiehed jikkacja fi stagun miftuh, izda f' hin meta mhux permess l-kacca, u dan huwa rifless ukoll fil-fatt li r-regolamenti relattivi jaghmlu distinzjoni bejn id-diversi projbizzjonijiet.

Illi fl-ahhar lok, l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Anthony Galea***, deciza nhar l-24 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti kienet abbracjat sottomissjonijiet simili u ghaddiet sabiex tilqa' l-appell u tillibera lill-appelanti minn kull htija.

**2) IL-PROSEKUZZJONI MA RESSQETX PROVI SAL-LIVELL TA' MINGHAJR DUBJU DETTAT MIR-RAGUNI LI L-ESPONENTI, F' DAWK IL-HINIJIET KIEN QIEGHED EFFETTIVAMENT GHAL KACCA**

Kif diga gie accennat iktar il-fuq waqt ir-rassenja tal-fatti fil-qosor, u kif jista' ampjament jirrizulta mill-atti processwali, b' mod partikolari mill-kontro-ezami taz-zewgt ufficjali li marru fuq il-post, sabu lill-esponenti hdejn il-bieb tal-kamra li hemm gewwa l-ghalqa, filwaqt li s-senter li hemm referenza ghalih fl-affidavit ta' PC217 ghalkemm skond il-prosekuzzjoni kien ikkargat, però l-istess senter instab gewwa l-kamra u mhux hdejn u/jew fid-dura.

Illi fl-umili fehma dawn iz-zewgt fatturi juru kif l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex turi minghajr dubju dettat mir-raguni li l-esponenti fis-17 ta' Jannar 2021 fis-14.30hrs kien

qieghed jikkacja. L-istess pulizija gew mistoqsija diversi drabi in kontro-ezami x' sabu lill-esponenti jaghmel meta huma waslu fl-ghalqa in kwistjoni u t-tnejn li huma ddikjaraw li lill-esponenti rawh hdejn il-bieb tal-kamra.

Madanakollu, b' kull dovut rispett, specjalment fid-dawl tal-fatt li hadd mill-pulizija ma jghid li lill-esponenti rawh idur fl-ghalqa malli waslu, jew almenu waqt li kienu qed javvicinaw l-ghalqa, u jghidu biss li l-esponenti rawh hdejn il-bieb tal-kamra – meta s-senter kien qieghed gewwa l-kamra – tali testimonjanzi tal-prosekuzzjoni ma jistghu, bir-rispett, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jittiehdu bhala prova minghajr dubju dettat mir-raguni li l-esponenti kien qieghed ghal kacca.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li tenut kont li *"l-birdcallers intfew hekk kif huma (il-pulizija) dahlu fl-ghalqa u l-fatt li s-senter kien barra (mhux fl-ghata) u kkargat juri li ftit mumenti qabel waslu l-pulizija kollox jindika li l-qua imputat kien qed jikkaccja."*

L-esponenti però, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti ma jaqbilx ma tali ragunament biex tinstab htija, in kwantu filwaqt li jidher li l-Ewwel Qorti gharfet li l-pulizija ma sabux lill-esponenti jikkacja xhin waslu fuq il-post, madanakollu l-istess Qorti, bir-rispett, erronjament, assumiet li una volta li kien hemm l-bird callers mixghulin ftit qabel ma waslu l-pulizija fl-ghalqa u s-senter instab ikkargat, dan kien ifisser li ftit qabel l-esponenti kien ghal kacca.

Illi b' kull dovut rispett però tali assunzjoni u/jew konkluzzjoni ma hijiex sorretta mill-provi.

L-Ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett injorat il-fatt li s-senter effettivament instab gewwa l-kamra u mhux hdejn jew gewwa d-dura, u li ghalkemm il-pulizija gew mistoqsija diversi drabi x' raw lill-esponenti jaghmel, l-pulizija kollha qalu biss li rawh hdejn il-bieb tal-kamra.

Hadd minnhom ma qal li rah idur fl-ghalqa lill-esponenti, u wisq anqas hadd minnhom ma qal li rah idur gewwa l-ghaqla bis-senter f' idu.

Fl-umili fehma tal-appellanti, dan huwa dettal krucjali ghal vertenza in kwistjoni, ghaliex tenut kont li z-zona in kwistjoni titratta ghelieqi fl-apert, fejn allura l-vizwali hija wahda pjuttost twila u ampja, li kieku l-esponenti kien barra fl-ghalqa, kieku l-pulizija setghu facilment jarawh u jiddikjaraw in kontro-ezami li rawh idur fl-ghalqa – minflok però, jirrizulta biss li huma rawh hdejn il-bieb tal-kamra.

In oltre, meta mistoqsija jekk huma rawhx hiereg jew le minn dan il-bieb/kamra, huma jghidu li ma jistghux jirrispondu stante li huma lemhuh biss hdejn il-bieb tal-kamra. Kwindi ma setghux jeskludu li l-esponenti ftit tal-hin qabel kien gewwa l-kamra, filwaqt però li lanqas ma qalu li ftit tal-hin qabel l-esponenti kien idur fl-ghalqa!

Fid-dawl ta' tali twegibiet, ghandu jirrizulta zgur sal-grad tal-probabli li l-esponenti qabel ma gew l-pulizija kien qieghed gewwa l-kamra, ghaliex kieku kien fuq barra fl-ghalqa l-pulizija kienet tarah – haga li ma ghamlitx.

Dan kollu fl-umili fehma tal-esponenti johloq dubju serjissimu fil-provi tal-prosekuzzjoni, liema dubju ghandu jimmerita favur l-esponenti.

Fit-tieni lok, tali dubju ikompli jikber meta wiehed iqis li z-zewgt ufficjali kkonfermaw in kontro-ezami li l-esponenti a tempo vergine qalilhom li huwa kien baqa' fuq il-post minhabba li kienet ix-xita, u allura baqa' jistenna wara s-1.00pm sa xhin ibatti ftit il-maltemp biex jigbor kollox u jitlaq minn hemm, u di più, iz-zewgt ufficjali stess kkonfermaw ukoll li dakinhar it-temp kien ikrah, b' PC 217 sahansitra jikkorrobora lill-esponenti u jikkonferma li xhin huma waslu fuq il-post ghall-ispezzjoni kienet niezla x-xita!

Fl-ahhar lok, huwa minnu li l-pulizija semmew li huma kienu semghu l-birdcallers fiz-zona u li fi xhin waslu fl-ghalqa tali birdcallers intfew, madanakollu, apparti l-fatt li l-esponenti ma giex akkuzat bl-uzu illegali ta' bird callers, u strettament minghajr pregudizzju dwar jekk il-bird callers li instemghu jahdmu kienux tal-esponenti jew le, jigi sottomess bir-rispett illi l-fatt li jkun hemm bird callers ghaddejjin, ma jfissirx awtomatikament li allura l-esponenti kien qieghed ghal kacca. Ma fiha xejn mill-lewn id-dinja li dak li jkun ihalli l-bird callers ghaddejjin sabiex igawdi l-ghasafar li jghaddu minghajr ma jikkacja ghalihom. Fil-kaz in kwistjoni iktar u iktar ma kien hemm xejn li jikkonferma ulterjorment li l-esponenti kien qieghed ghal kacca, tenut kont tal-fatt li kien il-maltemp u x-xita, u l-esponenti, kif del resto spjega lill-pulizija a tempo vergine, dahal jistkenn gol kamra sa xhin ibatti t-temp.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, in ogni caso l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-livel tal-prova minghajr dubju dettat mir-raguni li fis-17 ta' Jannar 2021, ghal habta tas-14.30hrs l-esponenti kien qieghed ghal kacca, u kwindi ghandu jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ukoll.

### 3) KELLHA TINGHATA PIENA IKTAR MITI

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi suboridinatament, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htija, l-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz, b' dan li tkun tqarreb iktar lejn il-mimimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-kaz odjern se mai, skond it-tezi tal-prosekuzzjoni, jitratta allegati nuqqasijiet waqt stagun miftuh, izda circa siegha wara l-hin permissibli.

L-esponenti kellu licenzja valida ghal kacca u non si tratta ta' attività ta' kacca minghajr licenzja.

In oltre, dan il-kaz ma jitratta l-ebda kacca ta' xi ghasfur per se, ghaliex mhux kontestat li l-esponenti f' dan il-hin, anke skond it-tezi tal-prosekuzzjoni ma kkacja, ossia ma spara u/jew ma qabad, l-ebda ghasfur kwalsiasi, multo magis xi ghasfur protett.

Illi l-esponenti umilment jissottometti wkoll illi l-esponenti ghandu fedina penali nettissima u qatt ma kellu l-ebda incident kwalsiasi simili.

Ikkunsidrat,

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni illi ma tistax tinstab htija t'allegat attivita' ta' kacca waqt stagun maghluq. L-appellant mhux jikkontesta illi l-incident mertu tal-kaz in kwistjoni sehh fis-17 ta' Jannar, 2021, jum li fih l-istagun tal-kacca kien miftuh. Regolament 19(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 jistipula is-segwenti:

> *'Il-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art għandha tkun* ***permessa mill-1 ta' Settembru ta' kull sena sal-31 ta' Jannar tas-sena li jkun imiss, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara li tinżel ix-xemx ta' kull jum mit-Tnejn sas-Sibt, u minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1:00pm) fil-Ħdud u l-festi pubblici****:*
>
> *Iżda l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru ta' kull sena m'għandhiex issir mit-Tnejn sas-Sibt mis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00pm) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara.'*

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi nhar il-Hadd 17 ta' Jannar, 2021 kien permess li wiehed imur ghall-kacca sas-siegha ta' wara nofs inhar (1.00pm) u dan *stante* li l-istagun kien wiehed miftuh.

Il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 tipprovdi ghal definizzjoni ghal **stagun miftuh** u cioe':

> "*staġun miftuħ*" *tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid tal-għasafar, dawk il-perijodi kif stabbiliti mill-Ministru skont ir-regolament 10(6), li fihom huma permessi l-kaċċa u t-teħid tal-għasafar;*

Ghal kuntrarju, l-ligi taghti wkoll definizzjoni ghal **stagun maghluq** u cioe' :

> "*staġun magħluq*" *tfisser, dwar il-kaċċa u t-teħid tal-għasafar, dawk il-perijodi li jaqgħu barra mill-istaġun miftuħ, u li fihom m'humiex permessi l-kaċċa u t-teħid tal-għasafar;*

Din il-Qorti tikkonferma illi fl-ewwel zewg akkuzi kontra l-appellant, fil-kumparixxi, hemm specifikat il-kliem 'waqt stagun maghluq' u jaqraw hekk:

> *'Billi inti akkuzat talli fil-17 ta' Jannar, 2021 ghall-habta ta' 14:30hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kont qieghed gewwa L-Imgarr u fil-gzejjer Maltin,* ***Waqt stagun maghluq ghall kacca ta` l-ghasafar,*** *ikkaccjajt jew ipprovajt tikkaccja, hadt jew ipprovajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il- konservazzjoni tal- ghasafar selvaggi, mhux skond dawn ir- regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja mghotija tahthom. (reg 4(1) ta` l- a.l. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat,- Is 549.42)*
>
> *Akkuzat ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi* ***waqt stagun maghluq ghall-kacca*** *ta l-ghasafar min fuq l-art ikkaccjajt jew ippruvajt tikkaccja xi ghasfur, jew garrejt munizzjoni jew arma tan-*

*nar barra l-ghata taghha. (reg 18(1)(a) ta' l- a.l 79/2006, hekk kif emendat, - sl 549.42)'*

Filwaqt illi hemm referenza ghall-Artikoli tal-Ligi, huwa il-kliem tal-akkuza li din il-Qorti trid taghti kaz. Minghajr tlaqliq, din il-Qorti tghid illi meta bniedem jinqabad jikkacja mhux fil-hinijiet awtorizatti fi stagun miftuh mhux l-istess bhal xi hadd li jinqabad jikkacja fi stagun maghluq. Din id-distinzjoni anke taghmila l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 stess. Din il-Qorti sejra taghti ezempju bl-iSkeda VIII fejn hemm referenza ghar-regolament 7(1)(d) u taht 'il-kategorija tar-reat' wiehed isib is-segwenti:

*Użu jew pussess ta' apparat elettriku jew elettroniku, użu jew pussess ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar:*

*Iżda fejn ir-reat huwa mwettaq* ***waqt kwalunkwe staġun magħluq jew waqt ħinijiet ipprojbiti*** *jew fir-reċint ta' kwalunkwe Santwarju tal-Għasafar skont l-Iskeda V jew fi Xtajta Protetta skont l-Iskeda VII, jew fejn it-tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar jikkorrispondi għal speċi li mhux imniżżla fl-Iskeda II, ir-reat m'huwiex suġġett għall-penali amministrattiva iżda għandu jkun punibbli skont ir-regolament 27 u l-konfiska immedjata tal-corpus delicti*

**Ghaldaqstant, din il-Qorti jidrilha illi l-appellant allegatament kien qieghed jikkacja f'hin ipprojbit ta' stagun miftuh u mhux fi stagun maghluq tal-kacca.**

L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Galea**[1] fir-rikors tal-Appell tieghu fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

***'Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellat huwa dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu. L-***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t' Ottubru, 2018.

*ewwel żewġ akkużi huma dwar li l-appellat prova jieħu xi għasfur matul staġun magħluq.*

*Illi l-appellat ġie akkużat li kien qed jonsob fi staġun magħluq bid-data tat-2 ta' Diċembru, 2014.*

*Huwa stat ta' fatt illi s-staġun tal-insib għas-sena 2014 kien ġie dikjarat bħala miftuħ mill-20 t'Ottubru, 2014 sal-31 ta' Diċembru, 2014 permezz tal-L.S. 504.122.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ'*

Din il-Qorti taqbel perfettament mad-decizjoni sucitata u ghalhekk sejra tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Christopher Vella.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors t'appell tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet aggravji mressqa mill-istess appellant u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull piena u htija.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Adrian Micallef

Deputat Registratur